Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

Illum, t-22 t' Ottubru 2020

**Pulizija**
**(Spettur Silvio Magro)**

**vs**

**Stephen Fenech**
**(ID 0458579M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni kontra Stephen Fenech ta' 30 sena li joqghod 47, Triq Ir-Raghaj, Qormi, QRM 04, iben Joseph and Maria Dolores Zammit bid-data ta' twelid 02 ta' Ottubru,1979 , bil-karta tal-identita 0458579 u numru tat-telefown cellulari 99874436.

Fejn huwa gie akkuzat talli nhar il-15 ta' Awwissu 2019 ghal habta tal-10.00hrs u qabel gewwa l-Ajruport Internazzjonali mingħajr il-liċenza jew il-permess tal-Kummissarju, akkwista, pussess għal-liema għan ikun, iż-żamma jew l-importazzjoni tal-armi regolari imsemmija bi ksur tal-artikolu 3(a) tal- Kapitolu 480 tal-Kodici ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba illi barra li tghati l-piena taht ir-regolament 49 (2) ta' l-AL 311/2006 hekk kif emendat tordna l-konfiska tal-Corpus Delicti.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha prezentati fl-atti processwali.

Rat il-fedina penali tal-imputat *a fol.* 3 et seq. tal-process.

Rat l-istqarrija tal-imputat *a fol. 7 et seq.* tal-process.

Semghat ix-xhieda tal-iSpettur Silvio Magro fis-seduta tat-2 ta' Lulju 2020.

Semghat lil Cachel Ebejer jixhed fit-2 ta' Lulju 2020 fejnipprezenta il-*corpus delicti* u cioe' ponn tal-hadid, mmarkat bhala CE1, kif ukoll Nota ta' Qbid mmarkat CE2.

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fis-seduta ta' nhar il-15 t' Ottubru 2020.

Semghet it-trattazjoni tad-difiza fuq il-piena, wara li l-imputat irregistra ammissjoni fis-seduta ta' nhar il-15 t'Ottubru 2020, fejn l-Ufficjal Prosekutur irrimetta ruhu ghad-decizzjoni tal-Qorti.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tiegħu tenna li huwa ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuza migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

Illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stat bikri ta' dawn il-proceduri. Illi wkoll il-Prosekuzzjoni infurmat lil Qorti illi l-imputat ikkopera bi shih mal-Pulizija. Il-Prosekuzzjoni u d-Difiza issottomettew illi f'kaz t'ammissjoni mill-imputat l-piena m'ghandix tkun wahda karcerarja.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 3(a), 51(1)(a) u l-ewwel *proviso* t'Artikolu 51 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta, qed ssib lil imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-hlas ta' multa ghas-somma ta' **sebgha mitt Euro (€ 700).**

Il-Qorti qedha wkoll tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* u cioe' l-ponn tal-hadid ezebit in atti u mmarkat CE1.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
Magistrat